MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 173/2001/1

**Albert Rizzo u b'digriet tal-5 ta' Awissu 2008 u tal-25 ta' Settembru 2008 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mary Rizzo sabiex tkompli l-kawza minflok l-attur Albert Rizzo li miet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Eden Leisure Group Limited**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta cahdet it-talbiet kollha tal-attur Albert Rizzo [li f'dak iz-zmien kien ghadu haj], bl-ispejjez kontra tieghu.

**Mertu**

2. F'Ottubru 1988 is-socjeta` konvenuta kienet avvicinat lill-attur Albert Rizzo sabiex isir il-bejgh bl-irkant volontarju tal-ghamara u oggetti kollha li kienu jinsabu fil-Lukanda Eden Beach Hotel f'San Gorg. Inizjalment kellha ssir wirja f'Jannar 1999 izda din giet posposta fuq talba tas-socjeta` konvenuta, u f'Dicembru 1988 kienet giet fissata data ohra ghall-wiri tal-oggetti, u cioe` fl-10 ta' Frar 1999 liema wirja fil-fatt inzammet f'dik id-data.

3. Fil-frattemp is-socjeta` konvenuta ad insaputa tal-attur li kienet f'negozjati mas-socjeta` Air Malta bieghet l-affarijiet kollha lil din is-socjeta` bir-rizultat li l-irkant thassar.

4. L-attur isostni li kien sar hafna xoghol preparatorju in esekuzzjoni tal-inkariku tieghu, u t-thassir tal-irkant da parti tas-socjeta` konvenuta kien ikkawzalu "danni konsiderevoli" li qed jirreklama f'din il-kawza.

5. Min-naha taghha s-socjeta` konvenuta, filwaqt li taccetta li hija kienet avvicinat lill-attur ghall-iskop fuq indikat, issostni li ma kienx ghad hemm decizjoni finali imma kien hemm biss trattattivi bejniethom, u dan peress li ma kienx ghad hemm qbil dwar il-kondizzjoni li riedet timponi s-socjeta` konvenuta fis-sens li jkun hemm *prezz riservat* fuq l-affarijiet.

6. Fic-citazzjoni l-attur qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghat-thassir tal-irkant, u ghad-danni konsegwenzjali, liema danni jinkludu telf ta' drittijiiet bhala irkantatur fil-bejgh li kellu jsir, kif ukoll minn irkantijiet ohra li ma setghux isiru, u telf ta' klijentela; likwidazzjoni ta' dawn id-danni, u l-kundanna lis-socjeta` konvenuta ghall-hlas tad-danni likwidati.

7. Fir-risposta guramentata taghha s-socjeta` konvenuta qed toggezzjona ghat-talbiet attrici, u tispjega li hi kienet waslet biex hadet id-decizjoni li ma tkomplix bl-irkant minhabba "l-attitudni negattiva" tal-attur stess li kien informa lid-direttur tas-socjeta` konvenuta li ma kienx jidher li hemm prospetti sbieh illi l-irkant kien ser jirnexxi minhabba l-fatt illi l-oggetti in vendita` kienu specjalizzati ghall-uzu gewwa ufficini u lukanda. Ghalhekk issostni li ma tistax tigi ritenuta responsabbli ghat-thassir tal-irkant meta hija kellha l-obbligu li ggib

l-ahjar prezz ghall-oggetti li hija kienet ser tbiegh. Tghid ukoll li l-attur ma sofra ebda danni jew telf "izda se mai jista' jtilob li jigi rizarcit ta' xi spejjez li seta' ghamel prevja l-prezentata tad-dokumenti u ricevuti opportuni".

**Is-Sentenza Appellata**

8. L-ewwel Qorti, wara li ghamlet rassenja tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu fil-kawza, waslet ghad-decizjoni taghha li tichad it-talbiet attrici, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu a fol 153 tal-process l-attur ghall-ewwel darba qieghed jippretendi bhala danni mhux biss il-'commission' li kienet tispetta lilu skond il-ligi, kif ukoll l-ispejjez li kellu jaghmel biex jaqdi professjonalment lis-socjeta konvenuta u d-danni li sofra inkluzi t-telf ta' qliegh, minhabba li kien irrifjuta xoghol iehor, u qal li dawn id-danni jammontaw ghas-somma ta' erbghin elf mitejn tmienja u disghin ewro (€ 40,298) ekwivalenti ghal sbatax il-elf u tlett mitt lira Maltin (LM17,300) u a fol. 156 tal-process l-attur ighid illi l-bazi kollha hija l-Kap 342 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar l-Irkantaturi.
>
> "Illi skond l-Kapitolu 342 l-commission li jinghata lill-irkantatur hija ta' ghaxra fil-mija (10%), cioe' ghaxra fil-mija (10%) fuq l-oggetti kollha elenkati fil-katalogu komprizi l-pagi tal-assistenti tal-attur, l-avvizi pubblikati u spejjez ohra ancillari.
>
> "Ikkunsidrat :
>
> "Illi skond il-Kapitolu 342 it-tariffa hija dik skond l-avviz legali 424 tas-sena 2007 u mhux it-tariffa skond l-avviz legali 69 tal-1991.
>
> "Illi l-Qorti tara illi fil-kaz odjern, il-kawza gietipprezentata fl-2001 meta kienet tapplika it-tariffa skond l-avviz legali 69 tal-1991 u ma kienx ghadu dahal in vigore l-avviz legali 424 tal-2007 li ghalih hemm referenza fil-Kapitolu 342.
>
> "Ghalhekk jekk l-attur haqqu hlas ta' danni, dan ghandu jkun ta' hamsa fil-mija (5%) u mhux ta' ghaxra fil-mija (10%).

“Illi permezz ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-13 ta’ Mejju 1944 fl-ismijiet Arthur Leone Enriquez vs Onorevoli Eustrachio Petrococchino et noe gie ritenut illi fil-Ligi ma hemm l-ebda ostakolu biex isir ftehim bejn irkantatur pubbliku u min iqabbdu fuq l-ammont ta’ drittijiet jew kundizzjonijiet illi ghandu jdahhal l-irkantatur ta’ xogholu.

“Illi fil-kawza fl-ismijiet Ulisse Azzopardi vs Mary Milazzo deciza fit-13 ta’ Jannar, 1946 u ikkonfermata fl-appell fil-11 ta’ Marzu 1946 gie ritenut illi f’subasti volontarji l-irkantatur ghandu l-karattru guridiku ta’ mandatarju tal-venditur u ghalhekk l-venditur jista jirrevoka l-inkarigu lill-irkantatur meta jkun irid.

“Illi f’dan il-kaz kien irrizulta mill-kumpless tal-provi illi l-irkantatur ma kellux inkarigu sod minghand il-konvenuta, imma kien hemm biss trattivi li ma sehhewx.

“Illi f’dan il-kaz l-attur ma kellux id-dritt jirriklama kumpens ghal xi xoghol li kien ghamel ghaliex mill-provi irrizulta li ma lahaq ghamel xejn.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-attur qieghed jaghmel diversi pretenzjonijiet illi jinsabu elenkati a fol. 152 tal-process u cioe’ il-‘commission’, l-ispejjez, id-danni li sofra, inkluz telf ta’ qligh peress illi irrifjuta xoghol iehor, u skond l-attur din is-somma tammonta ghal sbatax il-elf tlett mitt lira Maltin (LM17,300) u cioe’ erbghin elf mitejn u tmienja u disghin ewro (€40,298).

“Ikkunsidrat :

“Illi fl-imsemmija sentenza Ulisse Azzopardi vs Mary Milazzo gie ritenut illi f’subasti volontarji l-irkantatur ghandu l-karattru guridiku ta’ mandatarju tal-venditur u il-venditur jista jirrevoka l-inkarigu tal-irkantatur meta irid hu u l-attur ikollu biss dritt ghal danni reali, liema danni ma gewx ippruvati fil-kaz odjern mill-attur fil-grad rikjest mil-ligi.

“Illi l-Qorti innutat illi fl-ebda mument l-attur ma gab prova ta’ kemm swewlu il-katalogi li ghamel, ma gabx prova ta’ kemm swewlu xi avvizi li setgha ghamel fil-media tal-irkant in kwistjoni. Il-Qorti rat wkoll illi minkejja l-fatt illi l-attur allega illi tilef xoghol iehor sabiex jiehu hsieb l-irkant ta’ l-Eden Beach Hotel, huwa ma gab l-ebda prova ta’ dan, kif lanqas ma gab prova ta’ telf ta’ klijentela u ta’ riputazzjoni. L-attur lanqas biss ipprova kemm hallas lill-impjegati tieghu ghal dan ix-xoghol, u dan meta kellu diversi snin sabiex iressaq il-provi kollha illi kellu.”

**L-Appell**

9. Dan hu bazat fuq tlett aggravji: [1] li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta ikkonkludiet li ma kienx hemm inkariku sod bejn il-partijiet, [2] li ghat-thassir tal-irkant kienet responsabbli s-socjeta` konvenuta; u [3] li naqset milli tillikwida *arbitrio boni viri* d-danni li sofra l-attur rizultat tat-thassir tal-irkant.

*L-ewwel u t-tieni aggravju*

10. Dan hu fis-sens li fl-atti kien hemm provi bizzejjed tal-fatt li kien jezisti inkariku defenittiv bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta sabiex isir il-bejgh bl-irkant tal-oggetti fil-lukanda, tant li kien sar l-inventarju, kienu gew ippubblikati l-avvizi, kien gie kumpilat il-katalogu, kienu gew pubblikati l-avvizi fil-gazzetti u kien beda l-viewing tal-oggetti li ghalih kienu attendew numru ta' nies mill-pubbliku. Jghid li dawn l-fatturi jirrizulta mill-provi u huma prova cara li t-trattattivi bejn il-partjiiet kienu fil-fatt gew konkluzi u l-inkariku moghti lill-attur kien wiehed defenittiv.

11. Dwar l-"attitudini negattiva" li s-socjeta` konvenuta tattribwixxi lill-attur meta dan kien qed jezegwixxi l-inkarigu tieghu, l-attur jispjega li hu kien fid-dmir li jiftah ghajnejn is-socjeta` konvenuta li l-prezz prospettiv rizultat mill-bejgh tal-oggetti kien ser ikun wiehed baxx minhabba n-natura tal-oggetti.

12. Min-naha taghha s-socjeta` konvenuta tirribatti dan l-aggravju billi tghid li ma ngabet ebda prova li in effetti kienu ppubblikati l-avvizi, jew li kien sar xi katalogu. Hija tghid li kienet fid-dmir li ggib l-ahjar prezz ghall-affarijiet li kienu ser jinbieghu, u ghalhekk ma kenitx ikkonkludiet il-ftehim mal-attur minhabba li ma kienx ghadu kien hemm qbil dwar il-kundizzjoni tal-*prezz riservat*.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

13. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car li effettivament l-attur kien inghata l-inkariku mis-socjeta` konvenuta sabiex izomm il-bejgh bl-irkant, u li l-attur beda jahdem fuq dan l-inkariku, tant li kien sar l-inventarju tal-oggetti fil-lukanda, kif jirrizulta mix-xhieda[1] ta' Anna Cassar, impjegata mal-attur u li kienet inkarigata minnu biex taghmel l-inventarju. Din tghid li fil-fatt kienet hejjiet zewg inventarji peress li wara li kien sar tibdil fid-data tal-wiri ghall-pubbliku kienet sabet li kien hemm hafna affarijiet li kienu neqsin meta kienet hejjiet l-ewwel inventarju. Din ix-xhud tghid ukoll li fil-gurnata tal-wiri kienu attendew diversi nies. Dan l-ahhar fatt jinsab konfermat mix-xhieda Joseph Cassar[2] u Joseph Borg[3] li kienu inkarigati mill-attur biex joqghodu ghassa matul il-wirja li saret fl-10 ta' Frar 1999. Dawn jikkonfermaw li kienu raw li s-socjeta` konvenuta kienet wahhlet stickers bil-kelma "Sold" fuq hafna mill-affarijiet. Jikkonfermaw ukoll li kien hemm diversi ilmenti mill-pubbliku

[1] Fol. 25.
[2] Fol. 59.
[3] Fol. 61.

dwar li hafna mill-oggetti kienu gia` mibjugha, partikolarment minn dawk li kienu gew appozitament minn Ghawdex.

14. Xhud iehor li tressaq in sostenn tat-tezi tal-attur huwa John Vella Laurenti, negozjant li jikri appartamenti, u li ghalhekk kien interessat li jixtri affarijiet mill-irkant li kien ser jinzamm fil-lukanda. Dan qal li hu kien ra avviz li kien ser isir il-bejgh bl-irkant, u di fatti kien mar ghall-wirja li kienet inzammet fid-data fuq indikata. Dan ikkonferma li ma' hafna mill-kmamar tas-sodda kien hemm stickers bil-kelma “Sold”. Ikkonferma li ghall-wirja kien hemm circa 60 ruh, kif ukoll kien hemm ilmenti fost dawn in-nies peress li l-affarijiet kienu diga` nbieghu.

15. Xhud iehor prodott mill-attur u li d-depozizzjoni tieghu ghandha valur probatorju qawwi f'dan ir-rigward huwa Marcel Coppini[4], il-komputista addett mas-socjeta` konvenuta u li kellu l-inkariku specifiku mid-direttur Ian Decesare sabiex jiehu hsieb il-bejgh bl-irkant. Dan ix-xhud ikkonferma li s-socjeta` konvenuta kienet inkarigat lill-attur bhala irkantatur sabiex ibiegh bl-irkant l-oggetti tal-lukanda, u li fil-fatt kien sar il-wiri fil-gurnata appuntata, izda qal ukoll li meta kienu taw l-inkariku lill-atturi huma kienu fi trattattivi ma' terzi bil-ghan li jbieghu l-ghamara kollha in kwistjoni. Jghid li gurnata qabel ma saret il-wirja, huma kienu informaw lill-attur li l-oggetti kienu imbieghu kollha.

[4] Fol. 82.

16. Jinghad ukoll li mill-provi jirrizulta li l-attur kien hareg katalogu qabel il-wiri, skont il-ligi.[5]

17. In vista tal-premess din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti fl-osservazzjoni taghha li bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta ma kienx hemm inkariku sod, u li mill-provi jirrizulta li l-attur "ma lahaq ghamel xejn". Mill-provi jidher li l-attur kien inghata l-inkariku, u thalla jaghmel ix-xoghol preparatorju, sabiex jinzamm l-irkant, filwaqt li s-socjeta` konvenuta ad insaputa tieghu kienet qed tinnegozja ma' terzi sabiex tbiegh l-oggetti kollha *en bloc* kif fil-fatt ghamlet. Dan sehh qabel il-gurnata tal-viewing, u jispjega ghaliex f'dik il-gurnata meta l-wiri kien miftuh ghall-pubbliku hafna mill-affarijiet kellhom l-isticker "Sold" fuqhom.

18. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat fis-sens li l-attur kien hadem fuq l-inkariku specifiku moghti lilu mis-socjeta` konvenuta, u li gurnata qabel il-wiri li sar fl-10 ta' Frar 1999, l-istess socjeta` irtirat l-inkariku taghha lill-attur unikament fl-interessi taghha u mhux ghal xi raguni valida.

*It-tielet aggravju*

19. Dan l-aggravju huwa dirett lejn it-talbiet tal-attur ghad-danni sofferti minnu minhabba t-thassir tal-irkant da parti tas-socjeta` konvenuta. Huwa jghid li l-pretensjonijiet tieghu dwar id-danni reklamati minnu jinsabu indikati fil-

[5] Dok. AC2 – Fols. 47 *et seq.*

mandati kawtelatorji prezentati minnu kontra s-socjeta` attrici. Jghid hekk fir-rigward:

> "Dawn il-mandati ssemmew espressament fl-att tac-citazzjoni. L-ammont pretiz kien dak ta' LM17,000 [illum €40,298]. Ghalhekk, l-attur fix-xhieda tieghu semma' l-irjus kollha tad-danni pretizi minnu u anke ta dettalji u, aktar minn hekk, ipproduca bhala xhieda impjegati tieghu sabiex jipprova li dak li kien qed jghid, kien tassew gara.
> "……………….
> "Illi a bazi tal-provi kollha, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha quddiemha provi u dettalji bizzejjed biex tkun tista' tistabbilixxi *arbitrio boni viri* d-danni skond il-ligi dwar l-irkantaturi, anke jekk l-attur indika l-figura globali tad-danni pretizi minnu [LM17,300] minghajr ma ppresenta lista, u minflok strah fuq dak li qalu bil-gurament hu u x-xhieda l-ohra prodotti minnu."

20. Min-naha taghha s-socjeta` konvenuta tghid li l-attur "lanqas ressaq imqar prova wahda" dwar id-danni allegatament sofferti minnu ghalkemm kellu kull opportunita` li jaghmel dan. Huwa semma' biss figura globali li kien indika fil-mandati kawtelatorji.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

21. Fl-ewwel lok, ghall-ahjar intendiment ta' din il-parti tal-gudizzju, din il-Qorti tosserva li mkien fl-atti processwali ma ssemmiet il-figura ta' LM17,300 jew xi figura ohra rapprezentanti l-ammont ta' danni reklamati mill-attur, hlief fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur fejn spjega li din il-figura kienet fil-fatt giet indikata fil-mandati kawtelatorji. Izda kopja ta' dawn il-mandati ma gietx esebita u jissemmew biss fl-att tac-citazzjoni biex jigu kkonsidrati mill-Qorti fil-kap tal-ispejjez.

22. Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li, ghalkemm fix-xhieda tieghu l-attur jghid li "nipprometti li f'seduta ohra nesebixxi prospett li fih nindika d-danni kollha li jiena qed nippretendi"[6] dan ma ghamlux. Ukoll, fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2006, l-attur ivverbalizza hekk: ".. jiddikjara li jonqos bhala prova tal-attur li jigi prezentat prospett li jindika fid-dettal il-pretensjonijiet tal-attur…". Izda minkejja dan il-verbal l-attur baqa' ma prezenta xejn.

23. Illi huwa principju kardinali tad-dritt procedurali li min jallega jrid jipprova dak allegat minnu – *onus probanda incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, u inoltre l-Qorti ghandha tiddeciedi *iuxta allegata et probata*. Minn jallega danni reali ghandu l-obbligu li jressaq provi kemm dwar l-ezistenza tad-danni, kif ukoll dwar il-quantum, u, ghalkemm il-Qorti ghandha s-setgha li takkorda danni *arbitrio boni viri*, dan ghandha taghmlu jekk ikun hemm raguni valida li minhabba fiha l-parti tkun prekluza milli tressaq provi *in toto* jew *in parte* dwar id-danni allegatament sofferti minnha, jew meta thoss li jkun gust li jsir hekk.

24. Fil-kaz in dizamina, minkejja li t-talbiet attrici huma diretti sabiex l-attur jithallas danni tat-telf li sofra meta thassar l-irkant mis-socjeta` konvenuta, u minkejja li kellu kull opportunita` sabiex jipprova d-danni allegati minnu, kemm dwar l-ezistenza taghhom kif ukoll dwar l-entita` taghhom, u minkejja li f'zewg okkazjonijiet separati huwa kien ipprometta li kien ser iressaq prospett

[6] Fol. 22 – Dep. 7 Mejju 2002.

indikanti d-danni allegatament sofferti minnu, huwa baqa' ma ressaqx provi fir-rigward. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif f'kawza fejn l-attur qed jitlob il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni huwa jonqos milli jressaq provi fir-rigward, imma irrefera biss [fin-nota ta' sottomissjonijiet] ghall-ammont li huwa kien indika fil-mandati kawtelatorji relattivi.

25. Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dak li osservat l-ewwel Qorti li l-attur ma gabx prova fir-rigward. L-oneru ta' din il-prova kienet tispetta lill-attur li kien qed jallegaha, u ma ngabet ebda raguni valida, ghaliex huwa naqas milli jressaq provi biex jiggustifika jew ahjar jipprova d-danni reklamati minnu fil-mandati kawtelatorji fl-ammont ta' LM17,300.

26. Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li, salv ghal dak li ser jinghad aktar 'il qudiem, m'ghandhiex tikkomputa danni *arbitrio boni viri* la darba l-attur naqas milli jressaq provi fir-rigward, u l-ewwel Qorti kellha ragun li tiskarta t-talbiet tal-attur.

27. Izda l-istess ma jistax jinghad ghad-dritt [fee] dovut lill-attur bhala irkantatur ghall-bejgh bl-irkant in kwistjoni. Kif sottomess mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, huwa ghandu dritt ghall-kumpens in bazi ghal dak li

jiddisponi r-regolament 16 tal-Avviz Legali 69[7] tas-sena 1991 li kien vigenti fiz-zmien li ghalih jirreferi l-kaz. Dan ir-regolament jghid hekk:

> "Jekk partita tittiehed lura mill-bejjiegh wara li din tkun iddahhlet f'katalogu tal-irkant u qabel ma tkun tqeghdet ghall-wiri tal-pubbliku, l-irkantatur ikollu jedd jitlob lill-bejjiegh dritt [fee] li, fil-kaz li jkun gie stabbilit prezz, ma jeccedix in-nofs tal-kummissjoni tal-bejjiegh."

28. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur isostni li dan ir-regolament ghandu fic-cirkostanzi jwassal sabiex l-attur jiehu d-dritt shih skont il-ligi fuq l-oggetti li kienu esposti fl-irkant. "Dan ghaliex l-ahhar mument li fih il-bejjiegh jista' jirtira l-partita [lot] huwa 'qabel ma tkun tqeghdet ghall-wiri tal-pubbliku.' Jekk l-oggett ikun gie espost ghall-wiri tal-pubbliku, il-bejjiegh ikollu jhallas lill-irkantatur "full fee".

29. Din il-Qorti tosserva li din it-tezi tal-attur hija f'dan il-kaz insostenibbli, ghax mill-provi jirrizulta li kwazi l-oggetti kollha, li kienu jidhru fuq il-katalogu AC2[8] li kien hareg qabel il-wirja, kienu diga` nbieghu lill-terzi, granet <u>qabel</u> ma saret il-wirja fl-10 ta' Frar 1999, tant li f'dak il-jum kien hemm l-istickers bil-kelma "sold" imwahhlin fuq l-affarijiet u mal-kmamar, u ghalhekk ma jistax jinghad li dawn kienu parti mill-wirja. Ma jistax jinghad li dawn kienu esposti ghall-wiri tal-pubbliku meta l-iskop tal-wiri bl-irkant kien il-bejgh tal-oggetti esposti. Il-Qorti tosserva li l-fatt li meta saret il-wirja dawn l-affarijiet kienu diga` markati bhala mibjugha jfisser li dawn kienu gew irtirati mill-venditur

[7] Regolamenti tal-1991 dwar bejgh b'Irkant Pubbliku.
[8] Fol. 47 et seq.

qabel il-wirja u ghalhekk ai termini tal-imsemmi regolament l-attur bhala irkantatur ghandu l-jedd biss jitlob li jithallas dritt [fee] rigward dawn l-oggetti, izda kif ser jinghad aktar 'il quddiem m'ghandux dritt ghall-kummissjoni kollha skont ir-regolament 14.

30. Barra minnhekk ir-regolament 14[9] li jistabbilixxi l-kummissjonijet dovuti mill-vendtur [10%] u mill-kumpratur [5%] jghid espressament li dawn il-kummissjonijiet jithallsu fuq l-affarijiet li kienu inbieghu bl-irkant. Issa fil-kaz prezenti l-oggetti mhux biss ma kienux inbieghu bl-irkant prospettat izda sahansitra kienu gew irtirati qabel il-wirja. Ghalhekk huwa car li l-pretensjoni tal-attur li hu ntitolat ghal "full fee" hija manifestament insostenibbli.

31. Rigward il-*quantum* tad-dritt pretiz mill-attur, il-Qorti tosserva li anke f'dan ir-rigward ma tressqux provi tal-ispejjez li ghamel l-attur ghax-xoghol li sar sabiex l-inkarigu tieghu wasal fl-istadju tal-wiri ghall-pubbliku. Ukoll ma gew prezentati ebda stimi dwar il-valur tal-oggetti in kwistjoni li, ghalkemm kienu fil-pussess tas-socjeta` konvenuta, l-attur kellu access ghalihom.

32. Min-naha l-ohra l-Qorti tosserva li jirrizulta car li l-attur ghandu dritt li jithallas dritt tax-xoghol li kien lahaq ghamel, u ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti, hi tal-fehema li ghandha tasal sabiex tistabbilixxi hi figura gusta bazata fuq il-kwantita` tal-oggetti elenkati fil-katalogu. Fir-rigward il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li Ian Decesare, id-direttur tas-socjeta` konvenuta, fix-xhieda

[9] Dan ir-regolament jaqra hekk: "14. Il-kummissjonijiet li ghandhom jintalbu minn irkantaturi dwar partita li **tinbiegh f'irkant** m'ghandhomx jaqbzu dwar il-bejjiegh 10 fil-mija u x-xerrej 5 fil-mija tal-prezz li bih partita tmur,"

tieghu, ghalkemm ma jghidx kemm kien biegh l-oggetti lil Air Malta, jghid li hu ried li jkun hemm *prezz riservat* ta' bejn LM100 u LM120[10] ghal kull kamra. Issa meta tqis li kien hemm numru kbir ta' kmamar fil-lukanda li kienu indikati fil-katalogu fuq indikat, flimkien ma' diversi oggetti ohra, kif ukoll il-percentagg tal-kummissjoni dovuta lill-attur li kieku l-oggetti inbieghu fl-irkant, din il-Qorti hi tal-fehma ghandha takkorda dritt lill-attur ta' €5,000.

33. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa parzjalment fondat fis-sens li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lill-atturi l-ammont ta' €5,000.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet fuq indikati tilqa' l-appell tal-attur limitatament kif ser jinghad: tirrevoka s-sentenza appellata u, minflok, tilqa' t-talbiet tal-attur fis-sens biss illi tillikwida l-ammont dovut lilu mis-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' hamest elef euro [€5,000] u tordna li l-istess socjeta` thallas lill-attur dan l-ammont.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jinqasmu bejn il-partjiiet fi kwoti ugwali, filwaqt li dawk tal-appell odjern ghandhom ikunu a kariku tas-socjeta` konvenuta fl-intier taghhom.

## < Sentenza Finali >

[10] Fol. 90.

---------------------------------TMIEM---------------------------------